Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,522, 17 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 241 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2025 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għad-Diploma in Applied Linguistics for Maltese Sign Language taħt il-patroċinju tal-Isititut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Isititut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2025 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għad-Diploma in Applied Linguistics for Maltese Sign Language taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate in Applied Linguisics for Maltese Sign Language;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Applied Linguistics for Maltese Sign Language;

"il-Kors" tfisser programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Applied Linguisics for Maltese Sign Language; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għall-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom jissodisfaw lill-Bord li huma kisbu il-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti kollha għandhom:
(a) juru li għandhom proficjenza avvanzata fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija kif muri permezz ta' dokumenti ta' sostenn u ittri ta' referenza; u
(b) jgħaddu minn intervista għad-dħul immexxija minn bord tal-intervisti.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas tlett membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' żewġ semestri ta' studju full-time jew l-ekwivalenti fi studju part-time.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-programm tal-istudju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju mfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvat mis-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' ikun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju b'total ta' mhux anqas minn 30 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tas-Certificate.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għotja tad-Diploma jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) Is-Certificate għandu jingħata mingħajr klassifikazzjoni.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

10. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.